MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru. 936/2003

**Il-Pulizija**
**(A.K. Neil Harrison)**
**vs**
**Lorraine Vella**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Lorraine Vella** ta’ 31 sena bint missier mhux maghruf u Anna *nee’* Vella, mwielda Pieta’ fit-28 ta’ Marzu 1972, residenti 96 Arcade Street Paola u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 223772M;

Talli f’dawn il-Gzejjer fl-14 ta’ Novembru 2003 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni wahda:-

Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordninza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienetx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornita lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghha;

Kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienetx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornita lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghha;

Il-Qorti hija mitluba li barra milli tapplika l-piena skod il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-avukat generali tas-16 t' Novembru, 2003 sabiex l-imputata titressaq quddiem din il-Qorti Kriminali biex twiegeb ghall-akkuzi kontra taghha;

Rat ukoll il-kontro-ordni tal-avukat generali tad-9 ta' Marzu, 2004, sabiex l-impututa tkun processata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra taghha ghal ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza Kap 101 kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex tkun gudikata minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti, jirrizulta illi wara informazzjoni minn diversi sorsi li l-imputata kienet qed tinnegozja fid-droga mir-residenza taghha, kienet bdiet sorveljanza fuq l-istess anke ghaliex kienet gia maghrufa mal-Pulizija fuq kazijiet ohra ta' droga. Fl-14 ta' Novembru, 2003, l-Pulizija accediet fir-residenza tal-imputata u appena hargu zewg persuni, intercettathom u dahlu fid-dar tal-imputata fejn saret tfittxija intensiva anke fuq il-persuni li kienu jinsabu hemm, senjatament l-imputata, iz-zewg persuni li kienu appena hargu u tlett perusuni ohra li kienu qeghdin gewwa. Fil-kcina ta' din id-dar instab pakkett ta' sigaretti b'xi *foil* mahruq bi tracci ta' suspettata eroina fuqu. Fuq il-bank tal-kcina instab mizien, pitazzi u xi karti ohra. Instabu ukoll siringi godda, diversi *mobile phones* u safe li meta infetah aktar tard mill-istess imputata kien instab li jikkontjeni diversi flejjes fl-ammont ta' disat elef lira maltin u affarijiet ohra tad-deheb. F'kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq kien hemm persuna rieqda u fil-komodina hdejha kien hemm affarijiet suspettati konnessi mad-droga li kienu jinkludu *sachette*, zewg bicciet foil imbremblin forma ta' sigarett, bicca foil, mobile phone u karta tal-ghaxar liri maltin. Tfittxija fuq il-persuna tal-imputata irrizulta fin-negattiv izda hija ttiehdet l-isptar ghaliex kienet suspettat li

kienet qed tahbi xi sustanzi illegali fil-partijiet privati taghha. Bil-kunsens tal-istess imputata kienet ezaminata minn tabiba fit-taqsima tal-ginecolokija u kien minnufih innutat li fil-parti privata taghha fuq quddiem kien hemm bicca minn borza tidher. Wara ftit, l-imputata stess harget zewg boroz wahda kontenenti trab abjad u ohra bi trab kannella.

Minn ezamijiet kondotti mill-espert nominat mill-Qorti, rrizulta illi borza minnhom kienet tikkontjeni d-droga eroina f'ammont ta' 18.708 grammi bil-purita' ta' 48% u l-borza l-ohra kienet tikkontjeni d-droga kokajina f'ammont ta' 16.380 grammi bil-purita' ta' 50%. L-istess espert ikkonkluda illi minn din id-droga setghu johorgu 96 qartas tal-eroina u 37 qartas tal-kokaina. Ezami fuq l-oggetti l-ohra rrizulta fi tracci ta' sustanza eroina fuq l-erba bicciet tal-foil elevati minn fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda fejn kienet rieqda persuna kif ukoll is-sustanza eroina fil-qartas li kien jizen 0.195 grammi misjub ukoll fuq l-istess komodina.

Certament illi l-ammont ta' droga mohbija misjuba fuq il-persuna tal-intimata kif fuq rilevat jassoda l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni kif ravvizata fiz-zewg akkuzi migjuba kontra l-imputata li kellha opportunita' tressaq il-provi taghha sabiex tinnewtralizza dan kollu izda ma ressqet l-ebda prova kontrarja. Fil-mori tal-kumpilazzjoni id-difiza ripetutament staqsiet lill-ufficjali tal-pulizija li ddeponew, jekk fit-tfitxija li ghamlu fir-residenza tal-imputata kienx hemm xi *citric acid* jew *amonia* u jekk kienux jafu li l-imputata taghmilx xoghol ta' ippakjar ta' *mushrooms* mid-dar taghha. Uhud mill-ufficjali wiegbu li ma jafux li kien hemm dawn l-oggetti u ohrajn kategorikament innegaw il-presenza tal-istess sustanzi. Oltre dan, l-imputata, ma ressqet ebda prova biex turi li ma kellha xejn x'taqsam ma dik is-sejba.

Kif gia accennat, fil-kors ta' tfittxija instab safe li kien jikkontjeni fih oggetti aktarx ta' metall prezjuz. Fl-istqarrija taghha u minnha iffirmata, l-imputata spjegat illi Lm500 minnhom kienu ta' certu Rakela li kien talabha zzomomlu; Lm1600 kienu ta' certu Daniela Cassar li kienet

intercettata fuq il-post intizi biex bihom thallas ghall-karozza li kienet behsiebha tixtri u Lm4000 kienet tatomlha ommha wara li kienet illikwidat xi proprjeta’. Hi offriet ukoll spjegazzjoni dwar lil min kienu jappartjenu l-oggetti ta’ gojjellerija. Glenn Fenech fil-fatt xehed li hu ma kienx jaf lill-imputata u kien ra l-ewwel darba dakinhar li kien arrestat hiereg mir-residenza taghha. L-iskop li kien hemm kien biex ibigh il-karozza tieghu lill Daniela [Cassar] fuq talba taghha biex tiltaqgha mieghu ghand l-imputata. Il-bejgh ta’ din il-vettura kellu jkun ghall-prezz ta’ Lm1600 izda n-negozju ma kienx konkluz minhabba li xi hadd mill-partijiet ma kellux il-karta tal-identita’ fuqu. U ghalhekk tenut li dawn iz-zewg verzjonijiet hum-a plawsibbli, ma hemm l-ebda raguni ghaliex ma ghandhomx ikunu emmnuti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza dedotti kontra taghha;

Wara li rat l-artikoli Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputata;

Tikkundannaha ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) snin mil-lum oltre l-hlas ta’ multa ta’ hamest elef euro (Euro 5000.00). Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputata thallas l-ispejjez tal-esperti kollha nominati fl-inkjesta u f’din il-kawza.

Tordna ukoll il-konfiska u distruzzjoni tad-droga kollha esebita mill-Ispizjar Mario Mifsud nominat appozitament ghal dan l-iskop;

Dwar il-flus esebiti, tordna ukoll il-konfiska tal-istess favur il-Gvern ta’ Malta hlief ghall ammont ta’ ghall-elf u sitt mitt lira Maltin u l-ammont ta’ hames mitt lira maltin ekwivalenti ghal tlett elef seba’ mija u sebgha u ghoxrin Euro (€3727.00) u elf mija erba’ u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) rispettivament li l-Qorti hi

konvinta li jappartjenu lill-terzi li ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------